**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 06/23**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 29 ta' Mejju 2023 |
| **Ħin:** | 4:51pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku (Mill-5:12pm)<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Mill-5:00pm)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Sal-5:30pm)<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Mill-5:30pm)<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Mill-5:21pm)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **06.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **06.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **06.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **06.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **06.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **06.06** | **Ġieh iż-Żejtun;** |
| **06.07** | ***Quarterly Financial Statements*;** |
| **06.08** | **Tenders;** |
| **06.09** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **06.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **06.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **06.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**06. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 1. | 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija. | |

**06. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 06/23 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**06. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2 | 5 | 05.02.13 | Camilleri: Korsijiet | Camilleri qalet li l-applikazzjonijiet fetħu sal-10 ta' Ġunju. | Camilleri |
| 06. | 2 | 6 | 05.02.05 | Fenech: *Book Sale* | Fenech qalet li din kienet suċċess u hemm il-ħsieb li issa ssir Zumba session organizzata mill-istess *cat feeders* fil-25 ta' Ġunju fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Fenech |
| 06. | 2 | 7 | 05.02.07 | Sindku: *Twinning* ma' Oborniki | Is-Sindku qalet li ġejna avviċinati mill-Onor Ray Abela li bħalissa huwa ngarigat minn tal-Gvern Ċentrali fuq ġemellaġġi u infurmana li delegazzjoni minn Orborniki ser iżuru Malta bejn it-12 u l-15 ta' Ġunju. Talab li tinstab ġurnata sabiex jiġu l-Kunsill u jiddawru mal-lokal. L-Ambaxxata Palestinjana kellmuna wkoll fejn qed juru x-xewqa li jagħmlu twinning mal-Kunsill Lokali. | Sindku |

**06 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/23. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 1 | | Sindku: Proġett tal-*Slow Streets* | Is-Sindku qalet li ltaqet mal-Perit Antoine Zammit dwar il-proġett ta' *Slow Streets.* Qalet li hemm allokati €200,000 Sabiex jinqasmu fi tlett proġetti fi tlett lokalitajiet inkluż iż-Żejtun. Irridu noħorġu bil-proposti tagħna. Aħna issuġerejna li jiġu kkunsidrati t-toroq ta' madwar l-iskola primarja. B'hekk inkunu qed nikkalmaw it-traffiku. Is-Sindku qalet li Infrastructure Malta lesta li tgħin f'dawn il-proġetti. Is-Sindku qalet li l-istudenti tal-Universita' bħalissa qed jagħmlu t-teżi tagħhom dwar ż-żona ta' ġebel ta' San Martin peress li ssa qed joqorbu lejn l-aħħar. | Sindku |
| 06 | 3 | 2 | | Sindku: Tours madwar iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li ċempel s-Sur Joe Abdilla u offra li jibdew isiru tours madwar iż-Żejtun u lest li jibda jġib it-turisti. Kien hemm interess u aħna ser niċċekjaw eżatt x'jinvolvu u nikkolaboraw. | Sindku |
| 06 | 3 | 3 | | Sindku: Sezzjonijiet ta' informazzjoni | Is-Sindku qaelt li kellmitha s-sinjura Romina. Tixtieq tibda tagħmel sezzjonijiet dwar mediċina Ċiniża. Kien hemm qbil dwar dan. | Fenech / Sindku |
| 06 | 3 | 4 | | Sindku: Xogħolijiet fit-toroq | Is-Sindku qalet li nbeda x-xogħol fi Triq Mons. Cachia Abela minn I.M. Bħalissa qed isiru s-servizzi tal-ilma, iktar tard il-bankini u wara tinkesa mill-ġdid bl-asfalt. Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet mal-perit sabiex jiġi utilizzat aħjar l-ispazju għall-parkeġġ u jiżdiedu l-bankijiet. | Sindku |
| 06 | 3 | 5 | | Sindku: Misraħ Santa Marija | Is-Sindku qalet li Infrastructure Malta aċċettaw li dan il-proġett isir mill-kuntrattur tagħna. Dan ser isir bil-printed konkrit u l-proċessi mexjien. | Sindku |
| 06 | 3 | 6 | 10 | Sindku: *Bus Shelters* | Is-Sindku qalet li Faces u T.M. reġgħu laħqu ftehim u ser jitkompla x-xogħol fuq il-*bus shelters*. Min-naħa tagħna bagħtna l-*consent form* pero għadna ma smajna xejn lura. | |
| 06 | 3 | 7 | 16 | TM: *Traffic Management* fi triq id-Dwiemes | Din ser terġa tiġi diskussa sabiex tittieħed deċiżżjoni dwarha. | |
| 06 | 3 | 8 | 28 | *Gal Xlokk Foundation*: Bust tas-Sur Attard | Reġa tqajjem il-punt dwar ix-xogħol li qed isir fuq il-bust tas-Sur Attard u l-Gal Xlokk qed jitolbu l-għajnuna. Ser naraw kif nistgħu ngħinu f'dan il-proġett. | |
| 06 | 3 | 9 | 31 | Gal Xlokk Foundation: Membership | Irċevejna korrispondenza sabiex tiġi mħallsa l-membership mal-istess fondazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil li din terġa tiġi mġedda. | |
| 06 | 3 | 10 | | Ħsarat fuq vetturi | Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li peress li dawn il-każijiet mhux qed jiġu verifikati mill-pulizija meta jsir rapport, il-kunsill mhux qed ikun f'pożizzjoni li dawn jiġu mħallsa.<br>Ser ikun hemm policy li dawn għandhom jgħaddu għand l-insurance minn naħa tas-sewwieq. | |
| 06 | 3 | 11 | | Viċi-Sindku: Triq Anġlu Grima | Il-Viċi-Sindku resqet għad-diskussjoni pero din ser tiġi diskussa mill-ġdid. | |
| **06.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 4 | 1 | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

| **06.** | **5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 5 | 1 | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

| **06.** | **6.** | | **Ġieh iż-Żejtun;** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 6. | 1 | | B'kollox intefgħu sebgħa (7) nominazzjonijiet. Dawn kienu Sa. Rose Fenech, Sr. Frans Zahra, Sa. Miriam Vella, Maestro Joseph Caruana (fierem nieqsa u ġiet eliminata), Sr. Paul Zammit (3 nominazzjonijiet). Wara diskussjoni ġiet magħżula Sa. Miriam Vella b'erbgħa (4) voti u żewġ (2) voti għas-Sr. Paul Zammit. B'hekk s-Sa. Vella ser tingħata t-titlu ta' Ġieh iż-Żejtun għal din is-sena.<br><br>Ser jingħataw rikonoxximenti kif ġej:<br>1) Żgħażagħ - Matthias Cassar u Gerome Carabott.<br>2) Kultura: Frans Zahra u Joe Caruana.<br>3) Sport: Rodney Gatt u Karl Attard.<br>4) Anzjanita': Rose Fenech u Mabbli Carabott.<br>5) Akkademiku: Sandro Debono | |

| **06.** | **7.** | | ***Quarterly Financial Statements;*** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06 | 7 | 1 | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill r-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena. Din kienet l-ewwel darba li s-surplus naqas minħabba l-ispiża għolja li qed jaffaċċja l-kunsill. Dan ġie approvat unanimament. | Segretarju Eżekuttiv |

| **06.** | **8.** | | **Tenders;** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 8. | 1 | | Ma ġewx diskussi f'din il-laqgħa. | |

| **06.** | **9.** | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 9. | 1 | | Ma kinx hemm attivitajiet li semmew waqt din il-laqgħa. | |

| **06.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 0. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 06/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |

| **06** | **11** | | **Mozzjonijiet; u** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 11 | 1 | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa. | |

| **06** | **12** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 26 ta' Ġunju 2023 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |